MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 250/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Doris Montebello**
***… omissis …***
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Doris Montebello talli:

(1) Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2002, u fil-jiem ta'qabel din id-data, f'diversi postijiet f'Malta, bi hsieb li taghmel xi qliegh li jkun, ghenet, assistiet, tat parir jew habirket biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta, sew

barra minn Malta ikkongurat f'dak is-sens ma' xi persuni ohra;

(2) Fil-jiem ta' qabel it-3 ta' Ottubru 2002, f'diversi postijiet f'Malta assocjat ruhha flimkien u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta;

(3) Saret recidiva b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Ottubru 1995 u tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Awla 10 – ta' l-4 ta' Mejju 1995;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Awwissu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 337A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmija Doris Montebello hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha b'dan li r-reat taht l-artikolu 48A ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkunsmat, cioe` dak taht l-artikolu 337A ta' l-istess Kap. 9, u kkundannatha ghall-piena karcerarja ta' tliet snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Doris Montebello pprezentat fid-19 ta' Awwissu 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti: (1) tiddikjara li s-sentenza appellata mhijiex ezegwibbli fil-konfront taghha u ma tikkostitwixxi l-ebda stat fil-konfront taghha; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara l-proceduri mehudin fil-konfront taghha nulli u bla effett u konsegwentement s-sentenza moghtija fl-istess proceduri fl-ismijiet fuq premessi nulla u bla effett essendo li tali proceduri ma gewx istitwiti skond il-ligi; (3) minghajr pregudizzju, tiddikjara li l-fatti migjuba fis-sentenza appellata jikkoncernaw reat suggett ghal piena li taqbez il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement thassar l-istess sentenza moghtija nhar-it 8 ta' Awissu 2005 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tipprocedi skond il-ligi; (4) minghajr pregudizzju ghat-talbiet premessi, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha fejn iddikaratha hatja ta' l-akkuza kollha lilha addebitata u

konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena, u fl-eventwalita` li ma jigux milqugha l-aggravji fuq il-mertu, tirriforma u tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti moghtija fis-7 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha cahdet l-ewwel tliet aggravji ta' l-appellanti u ordnat il-prosegwiment tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ahhar aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u erroneju tal-provi; (2) minghajr pregudizzju, jekk l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed, din wahedha mhix bizzejjed jekk mhux korroborata; (3) minghajr pregudizzju, il-piena kienet eccessiva.

In materja ta' apprezzament mill-gdid tal-provi gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, l-appellanti korrettement tghid illi x-xhieda li semmew lill-appellanti kienu Lahcen El Ghaoui, Said Mayou, Khalid Mokrini u Abdel Azziz Mansar. L-appellanti korrettement wkoll tghid li l-uniku kuntatt li kellu maghha El Ghaoui kien billi hallasha $100 ghall-kirja ta’ post. Anke x-xiehda ta’ Abdel Azziz Mansar ma titfa l-ebda dawl fuq l-allegat involviment taghha dwar il-vjagg lejn l-Italja. Fil-fatt kull ma jirrizulta mix-xiehda ta’ Mansar hu li kien jikri post minghand l-appellanti, li darba kellha xi mghallmin u haditu f’post iehor fejn gew zewg Marokkini, imbaghad hadithom ghat-tielet post fejn kien hemm diga` tliet persuni u qaltilhom biex ma jifthux il-bieb lil kull min jigi.

Dwar ix-xiehda ta’ Mokrini l-appellant jghid li din ghandha mill-inkredibbli u hi kontradetta mill-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Tghid li ghalkemm ix-xhud jghid li saret konversazzjoni ma’ l-appellanti dwar vjagg lejn l-Italja, tali konversazzjoni saret mill-habib tieghu. Allura x-xhud kien qieghed jixhed fuq dak li suppost qallu dan il-habib tieghu u b’hekk jammonta ghal *hearsay*. Inoltre mkien ma jirrizulta li l-appellanti hadet xi flus, anzi jirrizulta l-kuntrarju.

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta’ Mokrini u taqbel illi hemm istanza fejn dan ix-xhud jghid li “Kien il-habib tieghi li tkellem maghha”, izda dan kien meta cemplulha l-ewwel

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

darba u ltaqghu maghha. Kif ukoll hemm istanza fejn jghid li "Kien siehbi li nnegozja ma' Doris", izda hawn ukoll jidher li kien jirrigwarda l-kuntatt preliminari li kien sar. Altrimenti hemm partijiet fix-xiehda tieghu fejn juri l-interess car li kellha l-appellanti fil-vjagg lejn l-Italja. Hekk, per ezempju, jghid li l-appellanti kienet tmur id-dar fejn kienu qed joqoghdu u titkellem maghhom dwar il-vjagg li kienu se jaghmlu. Kif ukoll jghid li gurnata minnhom meta kienu fil-post, f'daqqa wahda marret u qaltilhom li dakinhar kollox sew u kellhom imorru l-Italja. Jghid illi fil-fatt dakinhar stess ghaddew ghalihom Peter Borg (wiehed mill-ko-imputati) u persuna ohra mhux identifikata, l-istess persuni li lilhom kien hallas $600. Hu minnu li Mokrini jghid illi flus ma ta xejn lill-appellanti, izda dak li ghandu l-aktar mill-inkredibbli hu li l-appellanti kellha kuntatt ma' min kellu jwassal lil Mokrini u xi persuni ohra biex jaharbu lejn l-Italja minghajr ebda forma ta' qliegh.

Fi kwalunkwe kaz l-artikolu 337A tal-Kap. 9 ma jispecifikax in-natura tal-qliegh u jirreferi ghall-**"qliegh li jkun"**. Jigifieri anke jekk persuna tkun qed iddahhal xi forma ta' "kera" ghall-uzu ta' post minghand persuni li tkun qed tassisti sabiex johorgu minn Malta, dak ghandu jitqies bhala qliegh ghall-iskop ta' l-artikolu 337A imsemmi.

Kwantu ghax-xhud Said Mayou, l-appellanti ssostni li x-xiehda tieghu ma twassalx sabiex guridikament tinsab htija ghar-reati addebitati. Tghid li dan ix-xhud jghid li jafha bhala l-persuna li krietlu l-flat u li kienet ser taghmillu visa biex ikun jista' jmur Franza bl-ajru u li jum minnhom qaltlu li kien wasal il-jum li jmorru l-ajruport. U tkompli:

"Issa, hawnhekk fejn huma, l-esponent tistaqsi bir-rispett, l-element ta' dhul jew hrug minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta? Huwa jew ma huwiex necessarju visa ghal Franza? Hemm xi prova li twassal sal-grad rikjest mil-ligi li tali visa kienet sejra tinhareg illegalment? Hemm xi projbizzjoni li tassisti lil xi hadd biex jottjeni visa? Jezisti xi reat li ta' tali assistenza tinghata hlas? X'hemm illegali li jitlaq mill-ajruport fil-fatt li tassisti lil xi hadd biex jottjeni visa halli jmur Franza bl-ajruplan u bl-ajru? Legalment kif ghandek tmur Franza jekk mhux bl-ajruplan li jitlaq mill-

ajruport? Fuq kollox jigi ribadit hemm xi prova li tali visa kienet ser tinhareg illegalment? Hemm xi prova li gie mxahham xi hadd? U kieku stess kien hemm dan kollu, dan huwa element ghar-reat kontemplat fl-artikolu 337A, jew huwa se mai reat kontemplat fl-artikolu 115 et seq tal-Kap. 9 jew ta' xi reat ipotizzat fit-Titolu V, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 9 jew b'mod aktar specifiku, tar-reat kontemplat fl-artikolu 32(1)(d) u 32(1)(f) tal-Kap. 217?

"Del resto, dan ix-xhud stess jistqarr li lill-esponent ma taha ebda flus sabiex jahrab minn Malta. In effetti f'din id-deposizzjoni nsibu a folio 104 is-segwenti bran:

"*'Jiena sirt naf li El Ghaoui ghadda l-flus lill-istess persuna li ghaddejthom jien il-habs.'*

"Mela allura minn konversazzjoni li dana x-xhud kellu ma' El Ghaoui waqt li kienu detenuti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jirrizulta li l-hlas ghat-tluq minn Malta minn dan ix-xhud sar lill-istess persuna li hallas ix-xhud El Ghaoui. U x-xhud El Ghaoui, kif diga` ntqal, ma hallasx lill-esponent izda hallas lil tnejn min-nies ohra u, kif ukoll diga` ntqal, El Ghaoui jsostni li l-esponent ma kinitx involuta f'din il-kwistjoni essendo li kienu nies ohra li kienu nvoluti ma' min huwa ma ltaqax.

"Mela allura x'inhi, umilment tistaqsi l-esponent, il-konkluzjoni ragonevoli li wiehed jasal ghaliha a bazi ta' din id-deposizzjoni? Tali konkluzjoni ma tistax ghajr tkun wahda – li anki dan ix-xhud tal-prosekuzzjoni indirettament qieghed jiskolpa lill-esponent."

L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellanti kienet hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti wara li kkunsidrat li x-xhud Mayou qal li l-appellanti hajritu biex iggiblu visa lejn Franza u li kienet qed tirranga kollox hi u li ghaddielha xi flus ghal dak l-inkarigu. L-ewwel Qorti qalet ukoll li din ix-xiehda ma gietx kontradetta mill-appellanti u hi korroborata mill-fatt li Mayou nstab fil-vettura flimkien mal-klandestini l-ohra li kienu ser jitilqu minn Malta klandestinament. Inoltre, l-ewwel Qorti qalet li ma ngabet ebda prova konvincenti l-ghala ma kellhiex temmen lil dan ix-xhud.

Il-mistoqsijiet li l-appellanti taghmel dwar il-hrug ta’ visa huma biss, fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li bl-Ingliz jinghad huwa *a red herring*. Dan peress illi huwa car illi Mayou ma kellux biljett ta’ l-ajru sabiex ikun jista’ jmur Franza u l-ebda biljett ta’ l-ajru ma gie provdut lilu u l-ebda visa ma kien se jinhareg minghajr biljett ta’ l-ajru. Il-kuntatti li kellu ma’ l-appellanti kienu sabiex jitlaq minn Malta. Mayou jghid li l-appellanti talbitu $650 biex tirrangalu ghal visa u tiehdu Franza. Aktar tard fix-xiehda tieghu jghid li sar jaf li El Ghaoui ghadda l-flus lill-istess persuna li ghaddihom hu. Issa, mix-xiehda ta’ El Ghaoui jirrizulta li dan ghadda l-flus lill-istess zewg persuni li ghaddew ghalih u persuni ohra fil-gurnata li gew arrestati mill-Pulizija (Peter Borg u persuna mhux identifikata). Evidenza li kienet konxja ta’ dak li kellu jigri gej mill-fatt li dan l-istess xhud jghid li gurnata minnhom marret l-appellanti biex tinfurmahom (lilu u persuni ohra li kienu qed jirrisjedu fl-istess post) “li kien wasal il-hin biex tehodna l-airport” u li kien gej ragel biex jakkumpanjahom. Dan hu korroborat mill-fatt li in effetti marru jigbruhom Peter Borg – wiehed mill-ko-imputati – u persuna ohra li ma gietx identifikata. Huwa wkoll korroborat minn dak li xehed Mokrini. Ix-xiehda ta’ Mayou dwar l-involviment ta’ l-appellanti ssib korroborazzjoni wkoll mill-fatt li aktar tard dak l-istess lejl Mayou u numru mdaqqas ta’ klandestini gew arrestati mill-Pulizija fil-bajja ta’ Bahar ic-Caghaq fejn wassalhom Peter Borg qabel ma kellhom hin jitilqu minn Malta b’mod illegali. Huwa minnu li Mayou jsemmi ajruport izda l-istess xhud certament kien konxju dwar il-fatt illi biex jitlaq lejn Franza mill-ajruport kellu bzonn biljett ta’ l-ajru, u dwar dan ma semma xejn.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti korrettement sabet htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Dwar il-piena l-appellanti taghmel is-segwenti sottomissjonijiet. L-artikolu 337A bl-ebda mod ma jipprojbixxi lill-Qrati milli japplikaw pieni alternattivi ghall-inkarcerazzjoni effettiva. Fil-komputazzjoni taghha l-ewwel Qorti applikat fil-konfront ta’ l-appellanti l-proviso ta’ l-

artikolu 337A meta ma kienx applikabbli fil-konfront taghha bhalma l-anqas ma hu applikabbli l-artikolu 50 tal-Kap. 9 li gie applikat nonostante li obiter l-ewwel Qorti qalet li l-imputazzjoni ta' recidiva ma tirrizultax.

Il-piena applikabbli skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 337A tal-Kap. 9 hi dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) jew dik il-multa u prigunerija flimkien, filwaqt illi l-ewwel proviso ta' dan is-subartikolu jipprovdi li fejn l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi. Fil-kaz ta' l-appellanti, billi m'hemmx provi assodati li hija tat l-assistenza taghha lil aktar minn tliet persuni, il-proviso mhux applikabbli ghaliha.

Fir-rigward l-artikolu 50 tal-Kap. 9, ghalkemm l-ewwel Qorti ccitat dan l-artikolu fil-konfront tal-ko-imputati kollha, inkluz mela l-appellanti, dan l-artikolu l-anqas ma hu applikabbli fil-konfront ta' l-appellanti peress illi s-sentenzi li ghalihom saret referenza nghataw fl-4 ta' Mejju 1995 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. SZ1 a fol. 301 – 302) u fis-26 ta' Settembru 1997 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Dok. SZ a fol. 295 – 300) u allura aktar minn hames snin qabel id-data li ghaliha l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu.

Kwindi, kemm ghall-istess raguni moghtija mill-ewwel Qorti, cioe` li l-partecipazzjoni ta' l-appellanti kienet inqas minn dik tal-ko-imputati l-ohra u fil-fatt mhuwiex applikabbli l-proviso ta' l-artikolu 337A imsemmi, kif ukoll peress illi mhuwiex applikabbli l-artikolu 50 imsemmi, hemm lok ta' temperament konsiderevoli fil-piena.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt illi tiddikjara li l-appellanti ghandha titqies recidiva a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9 biss u mhux ukoll ta' l-artikolu 50 ta' l-istess Kap. 9, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-

appellanti ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena bit-tnaqqis taz-zmien li ghamlet taht arrest preventiv, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------